**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 19 ta' Frar, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**-vs-**

**Darren Cauchi, detentur tal-karta tal-identita` numru 119693M**

***Kumpilazzjoni Nru. 644/2018***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Darren Cauchi, u cioe` talli:

Fiż-Żejtun u/jew fi bnadi oħra f'Malta, nhar it-08 ta' Ottubru, 2018, u fil-ġranet ta' qabel:

1. Bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor u ċioe' lis-sieħba tiegħu Shanaya Ellul (ID: 229598M), persuna li tgħix miegħu fl-istess dar, biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew propjeta' ta' axxendenti jew dixxendenti;
2. Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil persuna oħra u ċioe' lil Shanaya Ellul jew b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dak ikun ta' fastidju għal dik il-persuna;

3. Uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u/jew psikoloġika u/jew sfurzar sabiex iġiegħel lil Shanaya Ellul tagħmel xi haġa, tħalli jsir, jew tonqos mill tagħmel xi ħaġa;

4. Bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġa oħra jew li jagħmel xi qliegħ jew bil-ħsieb lil persuna oħra u ċioe' lil Shanaya Ellul tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, hedded li jagħmel denunzja jew kwerela jew li jagħti malafama lil dik il-persuna;

5. Għamel offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Shanaya Ellul hekk kif iċċertifika Dr. Anthony Bugeja taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;

6. Għamel inġurji u theddid lil Shanaya Ellul;

7. Ħabb għall-persuna ta' Shanaya Ellul sabiex inġurja, idejjaqha jew jagħmel ħsara;

U wkoll talli fid-09 ta' Ottubru, 2018, u fil-ġranet ta' qabel f'Raħal Ġdid, fiż-Żejtun u/jew fi bnadi oħra f'Malta b'diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti, imma li jiksru l-istess dispożżizjoni tal-Liġi u li ġew imwettqa b'riżoluzzjoni waħda:

8. Saq vettura bil-mutur meta ma kienx liċenzjat ghal dan;

9. Saq vettura bil-mutur meta ma kellux polza ta' assikurazzjoni valida li tkopri kontra ħsara lil terzi;

10. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħalliex jew fixklu fid-dmirijiet tiegħu;

11. Irrifjuta li jagħti lil uffiċjal pubbliku jew lil wieħed inkarigat minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod jew partikularitatjiet oħra;

Il-Qorti ġiet mitluba li toħrog ordni ta' protezzjoni a favur ta' Shanaya Ellul ai termini ta' l-Artikolu 412C tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

F'każ ta' ħtija l-Qorti ġiet mitluba li biex tipprovdi għas-sigurta' ta' Shanaya Ellul ai termini ta' l-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar il-11 t'Ottubru, 2018, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura serja tar-reati li dwarhom qed tinstab htija; reati ta' vjolenza domestika - fenomenu li kull ma jmur qed jikber u jitkattar f'pajjizna. Bla dubbju l-Qorti ghandha sservi bhala tarka ghal dawk li jisfaw vittmi propju ta' persuni li tenut kont ta rabtiet prezenti jew passati, fejn ghal zmien kienet tezisti relazzjoni bejn l-awtur u l-vittma, wiehed jistenna mill-perpetratur protezzjoni u mhux persekuzzjoni; rabtiet ma dawk li huma, jew kienu, l-eqreb taghna - kemm jekk minhabba relazzjoni ntima kemm jekk minhabba rabtiet familjari - ghandhom isservu ta' sigurta` w rispett u mhux jissarfu f' biza u swat. Jekk persuna taghzel tinhall minn relazzjoni ghandha jkollha l-liberta` li taghmel dan. Ghal min jgholli idu fuq haddiehor hemm jistennewh id-driegh twal tal-gustizzja li zmien jew iehor ser jilhquh biex isir il-haqq.

Ittiehed kont tal-fedina penali netta tieghu, tal-ammissjoni ferm bikrija tieghu w tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz fosthom li l-vittma kienet gja` ghamlet diversi rapporti mal-Pulizija dwar l-agir tal-imputat. Ittiehed konsiderazzjoni wkoll tax-xhieda tal-Probation Officer. Fil-

fehma tal-Qorti s-socjeta` mhu ser tibbenifika xejn jekk l-imputat jinghata piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 31, 202(h), 221(3), 222(1)(a), 250, 251(1), 251A, 251B, 338(g)(ee), 339(d)(e) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta′ Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta′ Malta u l-artikolu 3(1) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta′ Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta′ Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta′ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta′ tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta′ l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta′ l-Ligijiet ta′ Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlettin (30) xahar millum.

In oltre′ ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta′ Malta, qieghda tpoggi lill-hati taht ordni ta′ supervizjoni ghal sentejn millum u flimkien ma′ din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 28G(1A) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta′ Malta qed timponi ordni fejn il-hati qed jigi mehtieg jaghmel erbghin (40) siegha servizz fil-komunità.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta′ din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta′ supervizjoni fuqu impost.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta′ Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta′ Shanaya Ellul u l-familja taghha ghal zmien sentejn millum.

Tordna li kopja ta′ dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Il-Qorti tkun qed tonqos jekk ghal darb′ohra ma tergax tirrimarka li hemm inkongruwenza bejn il-pieni ravvizati bl-artikoli 251A u 251B tal-Kodici Kriminali.** Ghalkemm ir-reat sancit bl-artikolu 251B tal-Kodici hu wiehed ferm aktar gravi minn dak tas-semplici *harassment,* meta gie emendat il-Kodici Kriminali bl-Att XIII tal-2018, hraxet il-piena

għall-*harassment* izda l-piena għar-reat ai termini tal-artikolu 251B tal-Kodici baqgħet l-istess. Illi l-artikoli 251A sa 251D li ġew introdotti bl-Att XX tal-2005 u bl-Att XXIV tal-2014, huma mfassla fuq il- *Protection from Harassment Act, 1997* tar-Renju Unit.[1] Kif jidher anke minn dawk id-disposizzjonijiet ir-reat ta' *harassment* (li jikkorispondi mal-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali) ravvizat f'Section 2 iġorr piena massima ta' sitt xhur priġunerija jew multa, filwaqt li r-reat ravvizat f'Section 4 *Putting people in fear of violence* (li jirrispekkja il-kondotta sancita bl-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali) iġorr piena massima ta' priġunerija li tvarja bejn 6 xhur u 10 snin.

Għalhekk tordna notifika ta' din is-sentenza lil Ministru Għall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali u lil Avukat Generali sabiex jiġi kkunsidrat jekk għandiex tiġi ndirizzata l-anomalija li nħolqot bl-emendi li saru bl-Att XIII tal-2018.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xogħol.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[1] https://www.legislation.gov.uk/ukpga/1997/40/contents